**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 12 ta' Frar 2020**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 1147/2019**

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Sliema Wanderers Football Club**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tat-3 ta' Dicembru 2019 li jghid hekk:

1. Illi l-intimat Sliema Wanderers Football Club huwa debitur tas-societa attrici fl-ammont ta' €35,905.67 (hamsa u tletin elf, disa' mija u hames ewro u sebgha u sittin centezmu) liema ammont huwa dovut mill-intimat in kwantu ghal €31,749.95 rapprezentanti kapital wara 'Overdraft' bin-numru 006-080352200 gia 006-080352-002 u €1,019.76 imghax sas-7 ta' Novembru 2019;

2. Illi dan l-ammont huwa bilanc dovut a debitu fil kont kurrent tal-intimat wara facilita ta 'Overdraft' moghtija mill-Bank;

3. Illi ghalkemm interpellat sabiex ihallas l-ammont dovut l-intimat baqa' ma hallasx;

4. Illi l-esponent jaf dawn il-fatti personalment minn ezami tad-dokumenti;

Ghaldaqstant is-socjeta attrici titlob li din l-Onorabbli Qorti

1. Tiddikjara li Sliema Wanderers Football Club hija debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' €35,905.67 (hamsa u tletin elf disa' mija u hames ewro u sebgha u sittin centezmu) rapprezentanti l-ammont dovut kif fuq spejgat.

2. Tikkundanna lil intimat sabiex ihallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' €35,905.67 oltre imghax legali mill-14 ta' Novembru sad-data tal-pagament finali liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni. Bl-imghax ulterjuri skont il-ligi sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota ta' amminissjoni tal-Club konvenut prezentata fis-seduta tal-11 ta' Frar 2020 ghall-ammont kif dedott;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Il-Qorti ftit ghandha xi izied tenut kont li l-Club konvenut ammetta d-debitu fil-konfront tal-bank attur.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi in segwitu ghall-ammissjoni tal-Club konvenut tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lil Club konvenut ihallas lil bank attur l-ammont ta' €35,905.67 (hamsa u tletin elf disa' mija u hames ewro u sebgha u sittin centezmu), liema somma tirraprezenta Overdraft moghtija mill-bank attur lil Club konvenut, kif jirrizulta Dok. B tal-process, bl-ispejjez u bl-imghax mill-14 ta' Novembru 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur